MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 754/2008

Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C113).

Vs

Pierre Cremona (Id.286273M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, tmien mija u seba Ewro, u tmienja u sebghin centezmu (€1,807.78) minghand il-konvenut, liema somma tirrapprezenta self moghti mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghu stess bhala operator ta' 'GWU Canteen', Valletta. U peress illi ghalkemm debitament interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2008, il-konvenut baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija u bl-imghax kummercjali sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, tmien mija u seba Ewro, u tmienja u sebghin centezmu (€1,807.78), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------